# IR-RABA' PARTI
# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**(Sede Superjuri)**

**13 ta' Jannar, 1997**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo B.A., LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Emanuel Farrugia u Raymond Borg

## Sigriet professjonali - Atti proċesswali rigwardanti terzi

*Fl-Att ta' l-1994 dwar is-Segretezza Professjonali ma hemm assolutament xejn x'jindika li t-Telecell tiffigura fost il-persuni jew entitajiet li huma koperti bis-sigriet professjonali ... u allahares dan kellu ikun il-każ għaliex altrimenti dan kien ikun ostakolu bla sens - anke jekk il-Qorti għandha miżuri u rimedji oħra taħt l-istess Att - f'każ per eżempju ta' telefonati anonimi vessatorji.*

*Fis-sistema tagħna ma hemm assolutament xejn x'jipprekludi li atti proċesswali rigwardanti terzi jidħlu fl-atti proċesswali ta' persuna oħra, purchè dawk l-atti jkunu rilevanti u ta' utilità għall-proċess li jkun u dejjem fil-parametri tal-liġi.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tad-9 ta' April, 1996 li taqra kif ġej:

"Rat l-Att ta' Akkuża numru 13 ta' l-1995 miġjub mill-Avukat Ġenerali kontra Emanuel Farrugia u Raymond Borg fl-14 ta' Novembru, 1995;

Rat in-nota ta' l-akkużat Emanuel Farrugia tal-5 ta' Diċembru, 1995 li biha indika l-eċċezzjonijiet tiegħu - tlett eċċezzjonijiet b'kollox - kif ukoll in-nota ta' l-istess ġurnata ta' l-imsemmi Emanuel Farrugia li biha indika x-xhieda li kien bi ħsiebu jinġunġi in difeża tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet u l-lista tax-xhieda ippreżentati mill-akkużat Raymond Borg fis-6 ta' Diċembru, 1995;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-11 ta' Diċembru, 1995 li biha ta avviż ta' l-eċċezzjoni dwar l-ammissibilità ta' provi li kellu l-ħsieb li jagħti u ċjoè l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilità tax-xhieda Darren, Ian Levellen, Paul Gauci Borda, Alan Brown u Charlie Caruana, indikati mill-akkużat Emanuel Farrugia, billi skond l-Avukat Ġenerali minn imkien ma kien jidher li d-deposizzjoni tagħhom kienet jew setgħet tkun relevanti għall-każ;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Diċembru, 1995 li biha ta avviż ta' l-eċċezzjoni dwar l-ammissibilità ta' provi li kellu l-ħsieb li jagħti u ċjoè l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilità tax-xhud Nicholas Ellul, indikat mill-akkużat Raymond Borg, billi skond l-Avukat Ġenerali minn imkien ma kien jidher li d-deposizzjoni ta' dana Nicholas Ellul kienet jew

setgħet tkun relevanti għall-każ;

Rat l-atti l-oħra kollha relevanti, inklużi l-atti ta' l-istruttorja; semgħet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' l-1 ta' Frar, 1996; ikkunsidrat:

Fl-imsemmija udjenza ta' l-1 ta' Frar, 1996, l-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dr. Mark Said, għall-prosekuzzjoni, irtira l-eċċezzjoni ssollevata mill-istess prosekuzzjoni ta' l-inammissibilità tax-xhud Nicholas Ellul, kif oriġinarjament issollevata mill-istess Avukat Ġenerali permezz tan-nota tiegħu tat-12 ta' Diċembru, 1995. Il-Qorti tosserva, a skans ta' ekwivoċi, li bir-rikors tiegħu ta' l-14 ta' Diċembru, 1995, l-*Avukat Ġenerali kien talab li jiġi ddikjarat dak li jrid jiġi* ppruvat mill-akkużat Raymond Borg bid-deposizzjoni kemm ta' Nicholas Ellul kif ukoll ta' John Curmi; iżda l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilità kienet tirreferi biss għax-xhud tad-difiża Nicholas Ellul. Fl-istess udjenza ta' l-1 ta' Frar, 1996 l-Avukat Dr. Joseph Giglio għall-akkużat Raymond Borg irtira t-tielet eċċezzjoni minnu ssollevata bin-nota tas-6 ta' Diċembru, 1995, ċjoè l-eċċezzjoni li biha ntalab l-isfilz tad-Dokument NH14A; u kompla jispjega li d-dokument NH14A u d-dokument NH14 huma effettivament l-istess dokument. Effettivament, jekk wieħed jara d-deposizzjoni ta' l-Ispettur Neil Harrison a fol. 318 ta' l-atti ta' l-istruttorja isib li dana x-xhud esebixxa d-dokument NH14 (kopja ta' stqarrija ta' ċertu Josef Sharfild, jew Sharfid), liema stqarrija jidher li ġiet bi żvista mmarkata mill-ewwel Qorti bħala Dok. NH14A. Fi kwalunkwe każ, dak li hu relevanti f'dana l-istadju hu li t-tielet eċċezzjoni ta' l-akkużat Raymond Borg ġiet irtirata. Jibqa', għalhekk, biex jiġu kkunsidrati l-eċċezzjonijiet l-oħra;

Din l-ewwel eċċezzjoni taqra hekk:

"Illi għandhom jiġu sfilzati r-rikors a folio 379 tal-proċess kif ukoll dawk il-partijiet tal-proċess fejn isir menzjonament ta' l-istess rikors stante li dawn huma rrilevanti għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri";

Kif jidher mill-proċess dan ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-vesti tiegħu ta' prosekutur quddiem il-Qorti Istruttorja li fih, wara li allega li omm xhud tal-prosekuzzjoni (John Elton Caruana) kienet ġiet mhedded mill-għarusa ta' l-akkużat, allura imputat, Emanuel Farrugia, talab lil dik il-Qorti li tipprovdi skond il-liġi. Issa, apparti li r-raġuni għala l-akkużat Borg qed jitlob "l-isfilz" ta' dana d-dokument hi sempliċement għax, skond hu, dana r-rikors u kull referenza għalih huma "irrelevanti" u mhux minħabba xi kundizzjoni jew nuqqas ta' kundizzjoni rikjesta mil-liġi sabiex l-istess rikors jinġieb fil-ġudizzju jew minħabba n-nuqqas tal-kundizzjonijiet ġuridiċi tal-mezz ta' prova fih innifsu (ara **Ir-Repubblika ta' Malta** *vs* **Edwin Cioffi**, App. Krim., 27/11/90), din il-Qorti ma tistax aprioristikament u preventivament teskludi l-possibbiltà li dana r-rikors ikun relevanti għal xi kwistjoni li tkun qed tiġi dibattuta - per eżempju, jekk l-Ispettur Harrison verament talabx lill-Qorti Istruttorja biex tipprovdi dwar l-inċident allegat fl-istess rikors. Hu evidenti li r-rikors fih innifsu ma jagħmel ebda prova fil-konfront ta' l-akkużat Borg (u anqas fil-konfront ta' l-akkużat Farrugia); però l-istess jista' jingħad għal ħafna dokumenti - riferti, ċertifikati ta' mard ta' xhieda, il-fedina penali, rikorsi għal *bail* - li jiġu prodotti fil-kors ta' l-istruttorja u għal ħafna verbali li jiġu rreġistrati minn parti jew oħra matul l-istess istruttorja. Hu ukoll evidenti li l-istadju ta' l-eċċezzjonijiet preliminari u l-eċċezzjonijiet dwar l-ammissibilità ta' provi mhux intiż sabiex din il-Qorti toqgħod tagħmel eżerċizzju li bih tnaqqi jew tiżbor l-atti ta' l-istruttorja minn kull dokument jew verbal bħal dan. Eċċezzjoni bħal dik in diżamina hi sempliċement eżerċizzju fit-temporeġġament inutili. Inoltre, l-"isfilz" hu r-rimedju estrem li l-liġi tipprovdi,

fis-sens li meta dokument jiġi sfilzat dan qisu qatt ma ġie esebit. Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tipprova tbiddel dak li ġara quddiem il-Qorti Istruttorja. Din il-Qorti ma tarax li għandha titlef aktar żmien fuq din l-eċċezzjoni u għalhekk sejra tiċħadha;

## It-tieni eċċezzjoni ta' l-akkużat Raymond Borg:

Din l-eċċezzjoni taqra hekk:

"Illi għandu jiġi sfilzat id-dokument NH13 a folio 169 *et seq* stante li huwa rrilevanti għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri";

Ħafna minn dak li ngħad għar-rigward ta' l-ewwel "eċċezzjoni" - it-talba għall-"isfilz", ir-raġuni ta' l-"irrelevanza" - japplika għal din l-eċċezzjoni. Id-dokument NH13 hu kopja legalizzata tal-proċess penali fil-konfront tax-xhud Elton John Caruana, mill-bidu tal-preżentata tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fis-16 ta' Novembru, 1994, sas-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Frar, 1995. Hu appena neċessarju jingħad li jekk ix-xhud Elton John Caruana jitlob li ma jixhedx għax għad hemm proċeduri penali kontra tiegħu pendenti, dan id-dokument NH13 hu presumibbilment id-dokument li bih il-prosekuzzjoni tkun trid tipprova li mhux minnu li għad hemm proċeduri penali kontra tiegħu (limitatament, naturalment, għal dawk it-transazzjonijiet imsemmija fl-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuża). Il-proċess kontra Elton John Caruana ma jagħmilx prova kontra l-akkużat Borg (jew kontra l-akkużat Farrugia), <u>ħlief</u> għall-*proces verbal* (f'dan il-każ kopja legalizzata tal-*proces verbal*) fit-termini ta' l-artikolu 550 (1) tal-Kap. 9; għall-istqarrija/stqarrijiet ta' l-istess Caruana kkonfermati bil-ġurament quddiem maġistrat u d-deposizzjoni/deposizzjonijiet tiegħu fit-termini ta' l-artikolu 30A tal-Kap. 101; u għal dawk id-dokumenti jew kopji tagħhom (bħal per eżempju, relazzjonijiet ta' esperti) purchè li dik il-

persuna li esebiet dak id-dokument u li xehdet dwaru tinġieb tixhed ukoll fil-konfront ta' l-akkużati Borg u Farrugia jew fil-konfront ta' xi wieħed minnhom. Il-bqija ta' dan il-proċess jista' jservi biss bħala mezz ta' kontroll ta' provi u xhieda oħra. Għalhekk din it-tieni eċċezzjoni ta' l-akkużat Raymond Borg qed tiġi ukoll respinta;

Il-Qorti ser tgħaddi issa biex teżamina l-eċċezzjonijiet issollevati fil-konfront ta', u minn, l-akkużat Emanuel Farrugia;

Bin-nota tiegħu tal-11 ta' Diċembru, 1995, l-Avukat Ġenerali qed jeċċepixxi l-inammissibilità tax-xhieda Darren, Ian Levellen, Paul Gauci Borda, Alan Brown u Charlie Caruana "billi minn imkien ma jidher li d-deposizzjoni tagħhom hi jew tista' tkun relevanti għall-meritu tal-każ". Issa hu evidenti li x-xhud Darren hu l-istess xhud tal-prosekuzzjoni Darren Cassar (ara l-korrezzjoni, mhux awtorizzata, fin-nota ta' Emanuel Farrugia tal-5 ta' Diċembru, 1995). Din il-Qorti tirrakkomanda aktar attenzjoni da parti tar-Reġistratur sabiex jassigura li korrezzjonijiet simili jkunu debitament kontrassenjati minnu skond il-liġi. Għalhekk l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali in kwantu tirreferi għal dana Darren Cassar mhix sostenibbli. Kwantu għax-xhieda l-oħra, l-oġġett tal-prova ġie ddikjarat mill-akkużat Farrugia fin-nota tiegħu msemmija. Hawnhekk il-Qorti tosserva, a skans a ekwivoċi, li meta ġie ppreżentat ir-rikors ta' l-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Diċembru, 1995, li bih talab a tenur tal-proviso ta' l-artikolu 438(4) tal-Kap. 9, li l-akkużat jiddikjara dak li jrid jiġi ppruvat bix-xhieda msemmija, din il-Qorti bi żvista ordnat lill-imsemmi akkużat sabiex jiddikjara l-oġġett tal-prova fi żmien ġimgħa (ara d-digriet ta' din il-Qorti ta' l-14 ta' Diċembru, 1995). Jingħad bi żvista, għax l-akkużat kien diġa' ddikjara l-oġġett tal-prova fin-nota tiegħu msemmija. Din il-Qorti ma tara xejn li a bażi tagħha tista' tiddikjara xi wieħed minn dawn ix-xhieda inammissibbli; jistgħu 'il quddiem jinqalgħu kwistjonijiet tar-relevanza tal-

prova li tkun trid issir jew tar-relevanza ta' xi mistoqsija partikolari, iżda tali kwistjonijiet għandhom jiġu determinati fl-istadju opportun skond l-artikolu 520 (2) tal-Kap. 9 u mhux issa. Il-Qorti żżid tgħid ukoll li hu minnu li wara li l-akkużat iddikjara l-oġġett tal-prova ta' kull xhud, iżid l-espressjoni "u fatti u ċirkostanzi oħra konnessi mal-każ". Din l-espressjoni hi verament waħda sibillina, però li fiha nnifisha ma twassalx għad-dikjarazzjoni ta' l-inammissibilità tax-xhieda in kwistjoni. Il-Qorti għandha l-fakolta' f'kull ħin tal-proċess li titlob lill-akkużat sabiex ikun aktar ċar dwar l-oġġett tal-prova tiegħu u fin-nuqqas il-Qorti tista' ma tammettix tali prova peress li ma tkunx sodisfatta li dik il-prova tkun relevanti. Tista' ukoll il-Qorti, jekk tara li b'dik l-espressjoni l-parti l-oħra tkun ġiet sorpriża, tagħti permess speċjali lill-prosekuzzjoni li ttella' provi anke fl-istadju tad-difiża (artikolu 464 u 536 (3) (ċ) tal-Kap. 9). Però kif ingħad, din il-Qorti ma tista' tara ebda inammissibbilità fil-konfront ta' ebda wieħed mix-xhieda indikati mill-akkużat Farrugia. Għalhekk din l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali qed tiġi respinta;

<u>L-ewwel eċċezzjoni ta' l-akkużat Farrugia:</u>

Din l-eċċezzjoni taqra hekk:

"Illi d-ditta Telecell Limited taqa' taħt dawk il-klassifikazzjonijiet fil-Liġi fejn hi marbuta b'sigriet professjonali li jista' jinħall biss jekk tkun eżentata mill-persuna li jkun irreġistrat magħha li juża s-servizzi tagħha. Stante li dan qatt ma ġie mitlub, id-deposizzjoni ta' l-uffiċjali tat-Telecell Limited u d-dokumenti minnhom esebiti, għandhom jiġu sfilzati mill-proċess, stante li mhumiex ammissibbli *ex lege*;

Fil-kors tat-trattazzjoni tiegħu fl-udjenza ta' l-1 ta' Frar, 1996 l-abbli difensur ta' l-akkużat Farrugia ma għamel ebda

referenza speċifika għal xi disposizzjoni tal-liġi, iżda issenjala biss l-obbligazzjoni kontrattwali li tinħoloq bejn il-kumpannija u s-*subscriber* bil-konsegwenti "aspetti ta' kunfidenzjalità" naxxenti minn tali obbligazzjoni. Din il-Qorti eżaminat kemm l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta (Kap. 250), kif ukoll l-Att ta' l-1994 dwar Segretezza Professjonali (Att XXIV/94), iżda ma tista' ssib xejn li b'xi mod jikkonforta t-teżi ta' l-akkużat. Il-Qorti eżaminat b'mod partikolari s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 2 u s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att XXIV ta' l-1994, però ma tarax li bejn Telecell Limited u l-persuni reġistrati magħha jew li jużaw is-servizzi tagħha hemm rabta ta' sigriet professjonali. Wieħed irid jiddistingwi bejn il-kunfidenzjalità fl-atti u t-transazzjonijiet kummerċjali - bħalma ċertament tista' teżisti bejn negozjant u klijent tiegħu - u s-sigriet professjonali fis-sens ta' l-Att imsemmi. Dana l-Att (XXIV/94) ġie fis-seħħ fit-23 ta' Settembru, 1994 (ara A.L. 121/1994); meta Michael Darmanin, Sales Manager mat-Telecell Ltd., xehed fl-4 ta' Lulju, 1995 (fol. 397) u fis-26 ta' Settembru, 1995 (fol. 507) huwa korrettement ma invoka ebda rabta ta' sigriet professjonali. Però anke li kieku, għall-grazzja ta' l-argument biss, dana s-sigriet kien jeżisti, il-Qorti xorta waħda tista' tawtorizza lill-kumpannija in kwistjoni li tagħti l-informazzjoni mitluba a bażi ta' l-ewwel u tat-tieni proviso ta' l-artikolu 9 ta' l-Att. F'każ bħal dan, bħal fil-każ ta' tabib li jiġi inġunt sabiex jixhed dwar pażjent tiegħu, hu ovvju li l-parti li tkun trid id-deposizzjoni tax-xhud li jkun trid tindika lil dak ix-xhud fil-lista tax-xhieda, b'dan però li dak ix-xhud ikun jista' jixhed biss jekk u meta jiġi svinkolat mis-sigriet professjonali. F'dan il-każ, però, kif ġa' ngħad, ma hemm ebda sigriet professjonali fil-konfront ta' Telecell Limited. L-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dr. Mark Said għall-Avukat Ġenerali għamel referenza għall-artikolu 26 (2) (a) ta' l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment (Att XIV/1994). Il-Qorti ma tarax li din id-disposizzjoni hi relevanti; is-servizz li tipprovdi Telecell Limited mhux *investment service* kif definit fl-artikolu 2 u fl-

Ewwel u fit-Tieni Skeda ta' l-Att XIV/94. Għalhekk din l-eċċezzjoni ta' l-akkużat Emanuel Farrugia qed tiġi respinta;

It-tielet eċċezzjoni ta' l-akkużat Farrugia:

Din l-eċċezzjoni taqra hekk:

"Illi r-ritratti esebiti ma jistgħux iservu ta' prova billi mhumiex ċari u ma jiffigurawx l-identità tal-persuni msemmija";

Fl-udjenza ta' l-1 ta' Frar, 1996 il-Qorti ordnat lill-akkużat Farrugia sabiex jindika permezz ta' nota r-ritratti li qed jirreferi għalihom. Din in-nota ġiet ippreżentata fit-23 ta' Frar, 1996. *Bażikament l-oġġezzjoni ta' l-akkużat Farrugia għall-*ammissibilità tar-ritratti minnu indikati hi li dawn ma jurux lil ċerti nies b'mod ċar biżżejjed li dawn jistgħu jiġu identifikati, b'mod għalhekk (dejjem skond l-akkużat) li dawn ir-ritratti ma jistgħux isaħħu xhud li jgħid li t-tali jew it-tali persuna kienet fil-post u fil-ħin muri fir-ritratt. Il-Qorti tara, però, li din hi kwistjoni ta' apprezzament tal-valur probatorju ta' dawn ir-ritratti - apprezzament li jrid isir mill-ġurati - u mhux kwistjoni ta' ammissibbilità. Jekk ritratt jurix lit-tali jew lit-tali persuna hi kwistjoni li trid tiġi deċiża minn min għandu jiġġudika dwar il-fatti mhux biss fid-dawl tar-ritratti *ut sic* iżda anke fid-dawl tad-deposizzjoni tan-nies li jixhdu dwar dawk ir-ritratti, tan-nies li ħaduhom u tan-notamenti li huma żammew (ara, per eżempju, id-dokumenti a fol. 259 sa 266), kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Hu appena neċessarju jingħad li pesuna tista' tiġi identifikata bħala l-persuna raffigurata f'ritratt mhux biss minn wiċċha iżda anke mill-assjem ta' ċirkostanzi oħra, ilbies, il-vettura, il-presenza ta' nies oħra, eċċ. Iżda din il-Qorti ma tistax aprioristikament tiddeċidi fuq kwistjoni ta' fatt bħal din. Kif jingħad fi **Blackstone's Criminal Practice** (1991 ed.

Blackstone Press Limited, London):

"*A photograh (or film) the relevance of which can be established by the testimony of someone with personal knowledge of the circumstances in which it was taken (or made), may also be admitted to prove the commission of an offence or the identity of the offender. In Dodson (1984) 1 WLR 971, it was held that photographs taken at half-second intervals by security cameras installed at a building society office at which an armed robbery had been attempted were admissible, on the issue of whether an offence had been committed, and, if so, who had committed it, even though no witnesses were called to identify the men in the photographs. "We reject the attempt here made to persuade this court to prevent a jury from looking at photographs taken by means of this technique, looking at a defendant in the dock and then to conclude if it be safe to do so that the man in the dock is the man shown in the photograph*" (p. 1822, para. F8.37);

Għalhekk din it-tielet eċċezzjoni ta' l-akkużat Farrugia qed tiġi respinta;

Għar-raġunijiet premessi din il-Qorti tirrespinġi l-eċċezzjonijiet kollha ssollevati kemm mill-Avukat Ġenerali kif ukoll mill-akkużati, u tordna l-prosegwiment tal-kawża";

Minn din is-sentenza appellaw iż-żewġ akkużati separatament però għall-fini ta' prattiċità sejra tingħata sentenza waħda fuq iż-żewġ appelli meħud kont ukoll li t-trattazzjoni taż-żewġ appelli saret kontestwalment;

Ser jiġi kkunsidrat l-ewwel l-appell ta' Emanuel Farrugia;

L-ewwel aggravju ta' l-appellant Farrugia jirrigwarda l-

mod kif l-Ewwel Onorabbli Qorti iddeċidiet fuq l-aspett tas-sigriet professjonali. L-Ewwel Onorabbli Qorti ddistingwiet bejn il-konfidenzjalità ta' l-att u t-transazzjoni kummerċjali. L-appellant jaqbel ma' dan l-argument. Jissottometti però, illi fil-każ preżenti t-Telecell Limited ġiet mitluba tagħti informazzjoni ferm oltre sempliċi informazzjoni dwar transazzjoni kummerċjali. Din mhux qed tgħid u tikkonferma li kien hemm kuntratt bejnha u l-appellant, iżda qed tagħti informazzjoni dwar l-użu speċifiku li għamel l-appellant bis-servizz li hi tipprovdilu. Meta persuna għandha servizz ma' ditta simili, hu jistenna li biex ditta bħal din tagħti informazzjoni f'liema numri hu ċempel, trid l-ewwel titlob il-permess tal-klijent tagħha. Il-fatt li rappreżentant tat-Telecell Limited ma invoka ebda rabta ta' sigriet professjonali ma jissanax l-istat ta' fatt. Fil-fehma ta' l-appellant jekk jinkiser dan is-sigriet professjonali, tali persuna tkun qed tikkommetti reat;

L-Avukat Ġenerali fis-sottomissjonijiet tiegħu għamel referenza għall-artikolu 26 (2) ta' l-Att XIV ta' l-1994 dwar is-Servizzi ta' Investiment - riferenza li diġa' kien għamel fi prim'istanza. Bħall-Ewwel Onorabbli Qorti, din il-Qorti ma tarax ir-rilevanza ta' din id-disposizzjoni tal-liġi peress li kif ġie osservat is-servizz li tipprovdi t-Telecell mhux servizz ta' investiment;

Jiġi osservat illi skond l-artikolu 642 (2) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) il-protezzjoni tas-sigriet professjonali ta' l-Avukat u Prokuraturi Legali hija estiża għal dawk "li huma obbligati mil-liġi għas-sigriet dwar ħwejjeġ li fuqhom tintalab ix-xhieda tagħhom". Jiġifieri mhux kull min jippretendi li informazzjoni li jippossjedi hija koperta mis-sigriet professjonali, għandu raġun għax il-protezzjoni trid temerġi mil-liġi;

Imbagħad hemm l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) li jikkreja d-delitt ta' kxif ta' sigrieti professjonali - delitt li l-appellant qed jipprospetta li jista' jiġi kommess jekk it-Telecell tiġi mġiegħla tagħti l-informazzjoni mitluba;

Dan l-artikolu jgħid li "kull min, minħabba l-istat, professjoni jew kariga tiegħu, jkun sar id-depożitarju ta' sigriet li jkun ġie fdat lilu, jikxef dan is-sigriet, ħlief fil-każijiet li fihom il-liġi tobbligah jgħarrafhom lill-awtorità pubblika, jeħel ...";

Il-problema qatt ma kienet dwar min jista' jkun Avukat, Prokuratur Legali u xi wieħed mill-professjonisti speċifikatament imsemmija f'dan l-artikolu qabel ma ġie emendat fl-1994, iżda min jista' jkun dak il-"kull wieħed ieħor" li l-liġi kienet allura tinkludi;

Biex isolvi din il-problema, il-leġislatur illeġisla permezz ta' l-Att XXIV ta' l-1994 dwar is-Segretezza Professjonali li din il-Qorti eżaminat fl-intier tiegħu;

Jista' però, mingħajr l-iċken eżitazzjoni, jingħad illi f'din il-liġi ma hemm assolutament xjen x'jindika li t-Telecell tiffigura fost il-persuni jew entitajiet li huma koperti bis-sigriet professjonali: fis-sens illi fit-termini ta' l-artikoli 2 u 3 ta' l-Att, din il-Qorti ma tistax tara kif jista' jingħad li jinħoloq legam ta' sigriet professjonali bejn il-kumpannija u l-klijent tagħha kwantu jirrigwarda n-numri li l-klijent ikun ittelefona u allaħares dan kellu jkun il-każ għaliex altrimenti dan kien ikun ostakolu bla sens - anke jekk il-Qorti għandha miżuri u rimedji oħra taħt l-istess Att (ara artikolu 9) - f'każ, per eżempju ta' telefonati anonimi vessatorji;

Għalhekk, wara li eżaminat is-sentenza appellata dwar dan

il-punt, din il-Qorti ma tarax li l-appellant għandu raġun f'dan l-aggravju;

Dwar it-tieni eċċezzjoni tiegħu (ara sentenza appellata), l-appellant jissottometti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti mhux biss ma laqgħethiex iżda ddeċidiet li l-ġurati għandhom id-dritt li jeżaminaw u jkollhom f'idejhom, dokumenti li jappartjenu għal proċessi oħra, u meta dawn id-dokumenti jkunu ttieħdu mhux fil-preżenza ta' l-akkużat u f'sitwazzjoni fejn hu qatt ma seta' jikkontrolla tali testimonjanza;

F'dan ir-rigward l-appellant jisottometti ukoll illi fil-kamp penali x-xhieda għandha tinstema' *viva voce* u l-atti tal-kumpilazzjoni meħuda fl-istess każ ma jikkostitwux prova fil-proċess, iżda iservu biss bħala mezz ta' kontroll tax-xhieda;

Il-ġurija tista' toqgħod fuq dak li jgħid ix-xhud *viva voce* u ma jistax ikollha kopja tat-testimonjanza tax-xhud meħuda preċedentement waqt il-kors tal-kumpilazzjoni. *Multo magis* testimonjanza meħuda fi proċessi ta' terzi persuni!;

Il-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata dwar dan l-aggravju jagħmlu referenza għal dak li hi stess qalet fil-kors ta' l-eżami ta' eċċezzjoni essenzjalment identika li ssolleva l-akkużat l-ieħor, Raymond Borg;

Eżaminati l-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma jidhirx li hemm raġuni legalment valida li a bażi tagħha din il-Qorti tista' tiddeċidi b'mod differenti;

Fl-ewwel lok kif sewwa osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sistema tagħna ma hemm assolutament xjen x'jipprekludi li atti proċesswali rigwardanti terzi jidħlu fl-atti proċesswali ta'

persuna oħra, purche' dawk l-atti jkunu rilevanti u ta' utilità għall-proċess li jkun u dejjem fil-parametri tal-liġi. Issa ma hemmx dubbju li, kif sewwa spjegat l-Ewwel Onorabbli Qorti, fl-imsemmija atti proċesswali jidher li hemm atti li minnhom infushom jista' jkollhom valur probatorju fil-konfront ta' l-appellant (e.g. il-*proces verbal*) u dokumenti oħra li jistgħu jservu bħala mezz ta' kontroll ta' xhieda, fuq din il-bażi biss għalhekk, l-aggravju ta' l-appellant ma jistax ikun sostnut. L-appellant però jilmenta mill-fatt li fit-termini tas-sentenza appellata dawn l-atti appartenenti għal proċess ieħor ser ikunu a disposizzjoni tal-ġurati. Din il-problema, però, kif din il-Qorti kellha opportunità tispjega f'diversi okkażjonijiet preċedenti, hija inevitabbli, peress li minnha nfisha kull prova hija għad-disposizzjoni tal-ġurija salva d-direzzjoni ta' l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri li jirregola din il-materja skond il-proċedura u d-diskrezzjoni tiegħu bħala l-persuna li tirregola dak li hu regolari u dak li mhux proċeduralment. Din il-Qorti m'għandhiex dubbju li mill-proċess esebit isir dak l-użu limitat li tipprevedi l-proċedura taħt id-direzzjoni ta' l-Imħallef kif ingħad;

Din il-Qorti għalhekk ma tarax li hemm raġunijiet biżżejjed biex tintlaqa' t-talba ta' l-appellant biex l-atti msemmija jiġu sfilzati mill-proċess;

Dwar l-appell ta' l-akkużat l-ieħor Raymond Borg ftit hemm x'jiżdied;

Dan l-appell jirrigwarda l-ammissibilità tal-proċess penali meħud fil-konfront ta' Elton John Caruana. L-appellant jissottometti li huwa biss il-*proces verbal* kontenut f'dak il-proċess li huwa ammissibbli u li għall-kumplament anqas bħala mezz ta' kontroll m'għandhom jiġu ammessi dawk l-atti;

F'dan ir-rigward, però, kif ingħad, din il-Qorti ma tistax *prioristikament teskludi l-proċess kif esebit salv dan li ngħad* fuq dwar ir-regolament ta' proċeduri mill-Imħallef li jippresjedi l-ġuri;

*Għal dawn il-motivi l-appelli taż-żewġ akkużati qed jiġu* respinti, is-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata u l-atti qed jintbagħtu lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.

---